Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 22/2016

**Gasan Mamo Insurance Limited hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Antonia Camilleri, sija bil-polza u sija bil-ligi kif ukoll l-istess Antonia Camilleri (appellati)**

**Vs**

**Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar (appellant)**

30 ta' Lulju, 2018.

1. B'decizjoni tat-Tribunal tal-Arbitragg tat-3 ta' Awissu, 2016 il-konvenut gie kkundannat ihallas is-somma ta' €345 lill-attrici u €55 lill-attrici l-ohra. Il-kaz jikkoncerna incident stradali li sehh f'Qawra Road, San Pawl il-Bahar fit-3 ta' Dicembru, 2013 meta l-vettura BMW JBQ dahlet f'hofra li kien hemm fit-triq.

2. Fit-23 ta' Awissu, 2016 il-konvenut appella mis-sentenza u jsostni li min jallega jrid jipprova, cjoe:

   *"1. Li Triq il-Qawra li tinsab gewwa San Pawl il-Bahar fil-fatt ma taqax taht ir-responsabbilta tal-Awtorita ghat-Trasport izda taqa' taht il-Kunsill konvenut;*
   *2.Li l-Kunsill konvenut naqas milli jzomm it-Triq fi stat tajjeb jew li ma kienx hemm xi tip ta' senjalagg sabiex tingibed l-attenzjoni tal-utenti tat-Triq;*
   *3. Li kien konsegwenza tan-nuqqas l-atturi sofrew danni"*.

3. L-atturi wiegbu u taw ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

4. Fit-Tribunal tal-Arbitragg il-konvenut ipprezenta twegiba. L-uniku eccezzjoni li ta hi:

   ***"Illi ma hemm ebda ness guridiku bejn il-hsara reklamata mill-atturi u l-istat li fih tinsab it-triq fejn gara l-incident, liema hsara bhala fatt u ictu oculi tidher li hija fi stat tajjeb ta' manutenzjoni"***.

5. Ghalhekk l-uniku eccezzjoni li nghatat kienet fil-meritu. Jirrizulta li l-konvenut ma ressaqx xhieda. Fl-appell argumenta li, *"... l-fatt li Triq tkun tinsab gewwa lokalita' partikolari, din ma taqax b'mod awtomatiku taht ir-responsabbilta tal-Kunsill Lokali tal-istess lokalita'"*.

6. Pero' gialadarba ma kienx hemm kontestazzjoni dwar jekk il-Kunsill konvenut kienx il-legittimu kontradittur, l-atturi ma kellhomx htiega li jressqu prova li fil-fatt il-konvenut kien il-legittimu kontradittur. Mill-fatt stess li l-konvenut aghzel li jiddefendi l-kawza fil-meritu biss, ifisser li l-konvenut stess accetta li hu legittimu kontradittur tal-atturi.

7. Ghal dak li jirrigwarda l-prova li t-triq ma kinitx qeghda tinzamm f'kundizzjoni tajba, il-hofra fit-triq hi prova fiha nnifisha. It-Tribunal osserva:

   *"13 Gie pruvat li hawn kellna kaz ta' hofra profonda u mdaqqsa li kkagunat li l-BMW tiehu zewg skossi qawwijin fiha bir-rizultat li nfaqghu iz-zewg tyres tal-lemin li kellhom jinbidlu. Il-vettura waqfet dlonk li qabzet il-hofra. Dan bla ma 'taret' jew tbeghdet mill-hofra wara z-zewg skossi – li jfisser li waqt l-incident l-istess vettura ma kienitx ghaddejja b'xi speed irragonevoli.*

   *14. Meqjus kollox is-sottoskritt iqis li dak minnhom allegat ir-Rikorrenti ppruvawh sodisfacentement u l-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar ghandu jinzamm responsabbli ghall-incident de quo u konsegwenzjali danni".*

8. L-attrici stess xehedet li r-ritratt GMI2 kien juri l-hofra li fiha saret il-hsara fil-vettura. Ma sar l-ebda argument li jista' jikkonvinci lill-qorti li l-attrici ma kellhiex titwemmen. L-istess attrici pprezentat ukoll ritratt li ttiehed l-ghada tal-incident, fejn jidher bic-car li sar xoghol ta' patching. Prova ohra li ma gietx kontradetta.

9. Il-qorti qrat l-atti u ma tista ssib assolutament xejn hazin fir-ragunament tat-Tribunal.

10. Dwar il-hsara, din kient fit-tyres. Hu evidenti li minhabba d-daqs tal-hofra, saret hsarat fit-tyres. Il-qorti ma ssib l-ebda raguni ghalfejn it-Tribunal ma kellux jemmen dak li rrakkontat Antonia Camilleri li meta l-vettura dahlet fil-hofra, spiccat biz-zewg tyres tal-lemin mifqughin.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell.**

**Peress li tqies l-appell kien fieragh, tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi l-ispejjez ghal darbtejn.**

Anthony Ellul.